Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2018/2005(INI)

26.6.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni: aspetti kummerċjali
(2018/2005(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Francis Zammit Dimech

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu :

– wara li kkunsidra l-Artikoli 167 u 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali,

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2007 dwar aġenda Ewropea għal kultura f'dinja li qed tiġi gglobalizzata (COM(2007)0242) u r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-Kultura[1],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Settembru 2012 bit-titlu "Il-promozzjoni tas-setturi kulturali u kreattivi għat-tkabbir u l-impjiegi fl-UE" (COM(2012)0537),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illegali tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali, u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995 dwar Beni Kulturali Misruqa jew Esportati Illegalment;

– wara li kkunsidra l-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar id-dritt għall-parteċipazzjoni fil-ħajja kulturali;

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet orfni[2],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna bit-titlu "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (JOIN(2016)0029),

– wara li kkunsidra r-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data, li ilu fis-seħħ mill-25 ta' April 2018[3],

– wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tal-2010,

A. billi l-UE għandha d-dritt tadotta politiki dwar il-kummerċ f'servizzi kulturali u awdjoviżivi bil-għan li tipproteġi u tippromwovi d-diversità tal-espressjonijiet kulturali kif ukoll il-wirt kulturali, u tikkontribwixxi għall-kisba tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli

[1] ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 299, 27.10.2012, p. 5
[3] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

Nru 4 dwar edukazzjoni ta' kwalità; billi dawn id-dispożizzjonijiet l-oħra jinkludu l-politika kummerċjali komuni kif definit fl-Artikolu 207 tat-TFUE;

B. billi l-Artikolu 3(3) tat-TUE jiddikjara li l-UE għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha, u tiżgura li jitħares u jkun żviluppat il-wirt kulturali Ewropew;

C. billi l-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali tappella għal kooperazzjoni bilaterali, reġjonali u internazzjonali biex titħares u tiġi promossa d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, kif ukoll biex jitħeġġeġ djalogu interkulturali bil-għan li jinbnew pontijiet bejn il-popli;

D. billi l-UE trid terfa' r-responsabbiltà għall-immodernizzar tal-Aġenda Ewropea għal Kultura f'Dinja li qed tiġi Globalizzata tagħha, u dan jinkludi li tipprovdi definizzjoni preċiża ta' servizzi tal-midja u qafas ċar għall-midja fl-istituzzjonijiet pubbliċi u fl-impriżi privati fl-Ewropa;

E. billi l-fluss liberu tal-informazzjoni, inkluż l-aċċess għal stazzjonijiet tal-aħbarijiet Ewropej, jista' jtejjeb il-governanza fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

F. billi l-UE trid tiżviluppa ulterjorment id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali biex tkopri l-isfruttament legali ta' xogħlijiet orfni fil-mużewijiet, arkivji, libreriji u faċilitajiet ta' riċerka oħra li jissalvagwardjaw il-wirt kulturali;

G. billi l-Ewropa għandha varjetà għanja ta' tradizzjonijiet u industriji kulturali u kreattivi b'saħħithom, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u sistemi differenti ta' korpi tal-midja pubbliċi u finanzjament pubbliku tal-films, u billi l-promozzjoni tad-diversità kulturali, l-aċċess għall-kultura u d-djalogu demokratiku jridu jibqgħu prinċipji ta' gwida, bi qbil mal-approċċ kummerċjali internazzjonali tal-UE;

H. billi fil-kuntest ta' globalizzazzjoni, skambju u kooperazzjoni internazzjonali, hemm bżonn ta' definizzjoni wiesgħa tal-kultura biex jiġu inklużi forom ibridi ta' espressjoni kulturali kif ukoll wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli inklużi l-prattiki artistiċi indiġeni u tradizzjonali, sabiex tiġi riflessa n-natura fluwida u li qed tevolvi tal-kultura;

I. billi l-industriji kulturali u kreattivi jikkontribwixxu għall-ħolqien ta' impjiegi deċenti u għall-prosperità ekonomika, u jammontaw għal madwar 2,6 % tal-PDG tal-UE, filwaqt li qed jesperjenzaw rata ta' tkabbir ogħla mill-bqija tal-ekonomija, u jirrappreżentaw wieħed mill-iktar setturi reżiljenti matul il-kriżi finanzjarja; billi l-iżvilupp tal-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi tal-industrija kulturali u kreattiva se jikkostitwixxi mutur importanti tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa;

J. billi r-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data jistabbilixxi standards għoljin ta' pproċessar tad-data personali li jirrikjedu ċertu livell ta' responsabbiltà min-naħa tal-pjattaformi u s-servizzi ta' streaming fir-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali;

K. billi l-UE għandha bilanċ pożittiv fir-rigward tal-kummerċ tal-prodotti u s-servizzi kulturali mal-bqija tad-dinja;

L. billi l-UE għandha defiċit mal-bqija tad-dinja fir-rigward tal-kummerċ fis-servizzi

awdjoviżivi u servizzi relatati;

M. billi d-diversità kulturali u lingwistika tikkostitwixxi wieħed mill-valuri ċentrali tal-UE u tifforma parti mill-politiki ta' diplomazija kulturali tagħha;

N. billi l-innovazzjoni u l-kreattività huma meħtieġa biex ikun żgurat żvilupp iktar sostenibbli tal-bliet, ir-reġjuni u s-soċjetajiet kollha, u huma essenzjali biex jiġu pprovduti soluzzjonijiet għall-isfidi soċjetali li s-soċjetajiet tagħna qed jiffaċċjaw illum;

O. billi l-protezzjoni tad-data personali u d-dritt tal-privatezza huma drittijiet fundamentali u għalhekk ma jistgħux jiġu nnegozjati fl-ebda ftehim kummerċjali;

P. billi s-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 tinkludi wkoll impenn fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu ta' oġġetti kulturali;

Q. billi l-kultura hija mutur għall-innovazzjoni u l-bidla fl-imġiba permezz tal-ħolqien ta' stili ta' ħajja ġodda u mudelli ta' żvilupp sostenibbli, u tippermetti approċċi fil-livell lokali u bbażati fil-komunità li huma neċessarji għal fehim lokali tal-globalizzazzjoni u l-iżvilupp sostenibbli, u b'hekk tgħin u tiffaċilita l-kisba ta' ħafna Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli eżistenti;

R. billi l-isfruttar tal-potenzjal tal-globalizzazzjoni fl-aspetti kummerċjali li jikkonċernaw il-prodotti kulturali jimplika konformità stretta mal-konvenzjonijiet internazzjonali kollha dwar il-protezzjoni tal-wirt kulturali, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1954, il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995;

S. billi l-artiġjanat u l-produzzjoni ta' xogħlijiet artistiċi huma partikolarment essenzjali għall-iżvilupp lokali;

T. billi d-djalogu interkulturali jrawwem ir-rispett u l-fehim reċiproku, u jinkoraġġixxi skambji soċjali u ekonomiċi iktar ġusti, inkluż il-kummerċ, filwaqt li jgħin kemm biex jiġu żviluppati prattiki li jippromwovu l-interessi tal-partijiet kollha b'mod iktar ibbilanċjat u rispettuż kif ukoll biex jiġu miġġielda l-prattiki inġusti bħalma huma l-klawżoli abbużivi u l-impostazzjoni ta' kondizzjonalitajiet unilaterali;

1. Jenfasizza li l-kultura u l-edukazzjoni, inkluż it-tagħlim tul il-ħajja, huma beni komuni, li l-aċċess għall-kultura u l-edukazzjoni huwa dritt tal-bniedem, u li l-kultura u l-edukazzjoni għalhekk ma jistgħux jiġu kkunsidrati jew ġestiti bl-istess mod bħal oġġett jew servizz diskrezzjonali, iżda pjuttost bħala beni komuni li għandhom jiġu ppreservati u mtejba kontinwament; jitlob, għaldaqstant, li s-servizzi kulturali, awdjoviżivi u edukattivi, inklużi dawk ipprovduti online, ikunu esklużi b'mod ċar mill-ftehimiet kummerċjali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, bħat-TTIP;

2. Jinsisti, għalhekk, fuq ir-rwol ewlieni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali fit-trattati internazzjonali tal-kummerċ li għandhom jikkunsidraw u jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tagħha;

3. Jenfasizza li l-globalizzazzjoni tikkostitwixxi opportunità għall-industriji kulturali u

kreattivi tal-Unjoni Ewropea permezz tal-aċċess imtejjeb għall-kultura Ewropea li hija tippermetti lill-bqija tad-dinja u l-ħolqien ta' ġabra globali ta' talent;

4. Iqis li huwa essenzjali li jiġu bbilanċjati n-negozjati kummerċjali dwar id-drittijiet tal-awtur sabiex ikun żgurat li dawn ma jkunux innegozjati sa l-iżgħar denominatur komuni iżda jkollhom l-għan li jiżguraw l-aħjar regoli possibbli għall-protezzjoni tal-wirt kulturali, permezz tal-promozzjoni tad-diversità kulturali, u l-iżgurar ta' dħul għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-kultura u tal-midja, l-appoġġ u t-tisħiħ tal-kreattività, it-tqassim tal-għarfien u l-kontenut kif ukoll id-drittijiet tal-utenti fl-era diġitali, u li jikkostitwixxu ambjent kummerċjali miftuħ u bbażat fuq ir-regoli, li huwa essenzjali biex l-industriji kulturali u kreattivi tal-Unjoni Ewropea jirnexxu;

5. Itenni l-appell tiegħu lill-UE biex teżerċita d-dritt tagħha li tadotta jew iżżomm miżuri (b'mod partikolari ta' natura regolatorja u/jew finanzjarja), inkluża klawżola ġenerali ġuridikament vinkolanti fir-rigward tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika, il-wirt kulturali, il-libertà tal-espressjoni, il-pluraliżmu u l-libertà tal-midja, irrispettivament mit-teknoloġija jew il-pjattaforma ta' tqassim użati, f'negozjati kummerċjali ma' pajjiżi terzi;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-aċċess għas-servizzi tal-informazzjoni Ewropej fin-negozjati kummerċjali futuri;

7. Jikkunsidra li l-iskambji kulturali u edukattivi bejn l-UE u s-sħab tagħha jistgħu jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli reċiproku, tkabbir, koeżjoni soċjali, demokrazija, prosperità ekonomika u l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, bi qbil mal-Aġenda dwar Xogħol Deċenti tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, inkluż fis-settur tal-kooperattivi;

8. Huwa tal-fehma li f'dinja globalizzata, ir-responsabbiltà editorjali fis-servizzi tal-midja u l-pjattaformi online għandha tkun għodda fundamentali fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda u l-aħbarijiet foloz, u li trid tinkiseb kompetizzjoni ġusta fir-reklamar fil-ftehimiet kummerċjali internazzjonali;

9. Ifakkar li politiki dwar il-kultura u l-edukazzjoni, ibbażati fuq valuri demokratiċi kondiviżi, kif ukoll l-aċċess għall-wirt kulturali, huma essenzjali biex jiġu żgurati l-koeżjoni soċjali, is-solidarjetà, il-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini, ir-reżiljenza u d-distribuzzjoni ġusta tal-ġid u l-kompetittività, u jistgħu jipprovdu liċ-ċittadini b'ħiliet soċjali u trasferibbli, bħalma huma l-ħiliet interkulturali, l-intraprenditorija, is-soluzzjoni tal-problemi, il-kreattività u l-ħsieb kritiku, li huma kollha meħtieġa biex tiġi indirizzata l-globalizzazzjoni; iħeġġeġ it-tisħiħ tan-networks ta' kwalità tal-universitajiet, l-iskejjel u l-mużewijiet li jrawmu t-tagħlim reċiproku u r-rikonoxximent tal-kwalifiki akkademiċi, u l-promozzjoni ta' ċittadinanza globali u komprensiva;

10. Jitlob l-integrazzjoni tal-edukazzjoni dwar is-sostenibbiltà, il-kummerċ ġust u ċ-ċittadinanza ekoloġika fid-dixxiplini kollha, b'mod partikolari fit-tagħlim dwar l-intraprenditorija, inkluż l-intraprenditorija soċjali, u l-ħiliet u l-litteriżmu diġitali;

11. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu u jiżviluppaw mobilità, edukazzjoni, skambju kulturali u lingwistiku u skemi ta' kooperazzjoni xjentifika mfassla apposta, inklużivi u ta' kwalità għolja, biex jippermettu kollaborazzjoni

internazzjonali u skambju ta' għarfien, filwaqt li jespandu wkoll is-suġġetti STEM għal suġġetti STEAM; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu aktar l-edukazzjoni u t-taħriġ flimkien mal-finanzjament tar-riċerka bħala għodda li permezz tagħha l-globalizzazzjoni tista' tiffunzjona b'mod aktar effettiv u bħala l-aħjar mezz biex jitneħħew l-ostakoli;

12. Ifakkar fir-rwol speċifiku tal-kultura fir-relazzjonijiet esterni u fil-politiki tal-iżvilupp, b'mod partikolari għall-evitar u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti, għat-tiswir tal-paċi u għall-emanċipazzjoni tal-popolazzjonijiet lokali; jikkunsidra, għalhekk, li hemm bżonn ta' strateġija kulturali ambizzjuża u soda, li tinkludi d-diplomazija kulturali, biex jinkiseb kunsens ġdid dwar l-iżvilupp;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw l-istrutturi eżistenti tal-UE għal azzjonijiet futuri ta' diplomazija kulturali, u jmexxu 'l quddiem il-programmi eżistenti u l-inizjattivi konkreti tal-UE f'konformità mal-prinċipji ta' solidarjetà u ta' sostenibbiltà li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-faqar u jippromwovu l-iżvilupp internazzjonali;

14. Ifakkar li l-isport huwa attività ekonomika globalizzata ħafna iżda wkoll għodda għall-inklużjoni, l-emanċipazzjoni u l-iżvilupp individwali u kollettiv; ifakkar għalhekk fil-ħtieġa li jiġu żgurati standards għoljin ta' etika u trasparenza fil-governanza tal-kummerċ internazzjonali u l-attività ekonomika fis-settur tal-isport;

15. Ifakkar fil-ħtieġa li jkunu żgurati t-trasparenza u d-demokrazija fil-ftehimiet kummerċjali u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u jħeġġeġ il-parteċipazzjoni, fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet, taċ-ċittadini li l-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-ambjenti, is-saħħa u l-benesseri tagħhom ikunu se jiġu affettwati

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	19.6.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 –: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Silvia Costa, Angel Dzhambazki, Jill Evans, María Teresa Giménez Barbat, Petra Kammerevert, Svetoslav Hristov Malinov, Curzio Maltese, Rupert Matthews, Stefano Maullu, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Michaela Šojdrová, Yana Toom, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marlene Mizzi, Liliana Rodrigues, Algirdas Saudargas, Remo Sernagiotto, Francis Zammit Dimech

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

25	+
ALDE	María Teresa Giménez Barbat, Yana Toom
ECR	Angel Dzhambazki, Rupert Matthews, Remo Sernagiotto
ENF	Dominique Bilde
GUE/NGL	Curzio Maltese
PPE	Andrea Bocskor, Svetoslav Hristov Malinov, Stefano Maullu, Algirdas Saudargas, Michaela Šojdrová, Bogdan Brunon Wenta, Francis Zammit Dimech, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver
S&D	Silvia Costa, Petra Kammerevert, Krystyna Łybacka, Marlene Mizzi, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Liliana Rodrigues, Julie Ward
VERTS/ALE	Jill Evans

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni